**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A., LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Anthony Scerri)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**DOUGLAS BRIFFA**

**Illum 5 ta’ Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **DOUGLAS BRIFFA** ta’ 31 sena, iben Joseph Briffa u Mary xebba Wait, imwieled Pieta, nhar l-20 ta’ Diċembru, 1990, residenti Nru 2, Kwartier San Nikola, Bormla, u detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 0049891M, akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-lejl ta’ bejn it-22 u 23 ta’ Mejju 2022 u/jew fil-ġranet ta’ qabel:-

1. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat is-26 ta’ Settembru 2018, mill-Qorti ta' tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL. D u li permezz tiegħu ngħatata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma ġewwa l-għassa ta' Bormla, kulljum u li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod (Nru 2, Kwartjieri San Nikola, Bormla) mhux iżjed tard mill-għaxra ta' filgħaxija (22.00hrs) u ma joħroġx qabel is-sitta ta filgħodu (06.00hrs), ta' l-għada filgħodu, kif ukoll;

2. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 29 t'Ottubru 2020, mill-Qorti ta' tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL. D u li permezz tiegħu ngħatata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma ġewwa l-għassa ta' Bormla, kulljum u li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod (Nru 2, Kwartjieri San Nikola, Bormla), mhux iżjed tard mill-tmienja ta' filgħaxija (20.00hrs) u ma joħroġx qabel is-sitta ta filgħodu (06.00hrs), ta' l-għada filgħodu, fost kundizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti.

3. Talli sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Douglas Briffa u fir-rigward tad-digriet mogħti nhar is-26.09.2018, tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma ta' € 1,000 bħala depożitu u s-somma ta' €10,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fir-rigward tad-digriet mogħti nhar id-29.10.2020, tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma ta' € 1,000 bħala depożitu u s-somma ta' €5,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semghet lill-imputat waqt l-istess udjenza tas-26 ta' Mejju 2022 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 fuq talba tal-imputat, fejn ordnat li jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022 u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza minnha ppreżentat (Dok. SF1);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputat, il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat fuq kollox ir-rapport ta' qabel is-sentenza tal-Uffiċjal tal-Probation.

L-imputat gie mixli u ammetta li kiser il-kundizzjonijiet ta' zewg digrieti moghtija minn din il-Qorti kif ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Settembru 2018 u fid-29 ta' Ottubru 2020, li permezz taghhom huwa nghata l-helsien

mill-arrest, u dan meta allegatament instab barra f'hin meta skont l-imsemmija digrieti, kellu jkun rinkazat. Gie mixli wkoll li huwa recidiv.

Mir-rapport ta' qabel is-sentenza mħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri, li ikkonfermat li hija ilha ssegwi lill-imputat minn Ottubru 2020, jirriżulta li l-imputat għandu storja twila ta' abbuż minn sustanzi illeċiti u beda jagħmel użu mid-droga meta kellu 15-il sena. Minn eżami ta' dan ir-rapport huwa evidenti li l-imputat għandu l-appoġġ ta' ommu kif ukoll ta' xi ħbieb bil-għaqal li huma ta' influwenza pożittiva għalih u li jridulu l-ġid u l-Qorti fehmet illi l-imputat għandu r-rieda li jinħeles mill-vizzju tad-droga tant illi kien għamel ċirka sentejn ħieles minn dan il-vizzju. Madanakollu, l-imputat sofra *relapse* fix-xhur li għaddew u kien proprju dan ir-relapse li wassal biex kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u dan meta ħareġ barra mir-residenza tiegħu fil-ħin tar-rinkażar biex jixtri d-droga. Filwaqt li ma jirriżultax li l-imputat qiegħed jindirizza dan il-vizzju bis-serjeta', jidher li huwa kko-opera bis-sħiħ mal-Uffiċjal tal-Probation għall-fini li jiġi mħejji dan ir-rapport u pprovda żewġ kampjuni tal-awrina reċentement li rriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi ta' eroina u kokaina. Jidher ukoll li bl-għajnuna ta' persuna viċin tiegħu, huwa beda jaħdem f'impieg ġdid, għad mhux wieħed regolarizzat.

Fil-qies taċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-fatt li l-imputat jidher li għandu potenzjal qawwi sabiex, anke bl-għajnuna u sostenn ta' persuni viċin tiegħu, jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga, il-Qorti temmen li piena karċerarja ma tkunx piena idonea f'dan il-każ għaliex huwa evidenti li l-imputat għaddej minn żmien ħażin u jeħtieġ li jingħata l-għajnuna meħtieġa b'mod immedjat. Tqis li l-imputat huwa kandidat idoneu għal sanzjoni fil-komunita' u li jista' jislet benefiċċju bla qies jekk jitpoġġa taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation u taħt l-iskrutinju tal-Qorti u għalhekk, m'hijiex sejra ċċaħħdu minn opportunita' biex jifhem u jagħraf il-bżonn li jirriforma ruħu. Jeħtieġ li l-imputat jingħata l-għajnuna professjonali u jkollu sorveljanza konsistenti minn persuni kwalifikati biex jindirizza bis-serjeta' l-problema li għandu: problema li evidentement hija l-katalist tal-aġir kriminuż tiegħu.

Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-imputat għandu jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation biex taħt is-sorveljanza tal-Qorti jindirizza bis-serjeta' l-vizzju li qed ifixkel ħajtu. Madankollu, ma taqbilx li Ordni ta' Servizz fil-Komunita' tista' tkun utili fiċ-ċirkostanzi: dan qed jingħad għaliex l-imputat jeħtieġ qabel xejn jindirizza bis-serjeta' l-vizzju li qiegħed jaħkimlu ħajtu u fit-tieni lok, bir-reat li jinsab mixli bih, ċioe' li kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar impost fuqu b'żewġ digriet li permezz tagħhom ġie mogħti l-ħelsien mill-arrest, l-imputat ma għamel l-ebda ħsara lis-soċjeta' li għaliha għandu jagħti retribuzzjoni jew jagħmel tajjeb – il-ħsara għamilha lilu nnifsu u b'hekk jeħtieġ li jindirizza din il-problema tempestivament biex jiġi prevenut l-egħmil ta' reati kriminali fil-futur li jistgħu jagħmlu ħsara effettiva lis-soċjeta'.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi kif ukoll taħt Ordni ta' Trattament għall-istess żmien, sabiex huwa jegħleb il-vizzju tad-droga.

Għall-fini tal-konsegwenza tassattiva ta' dikjarazzjoni ta' ħtija tar-reat taħt l-Artikolu 579 tal-Kap. 9, il-Qorti tosserva li l-imputat instab li kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar meta instab barra fil-lejl bejn it-22 u 23 ta' Mejju 2022. Tosserva wkoll li l-kundizzjoni tar-rinkażar hija kundizzjoni valida u leġittima maħsuba mhux biss biex ikun hemm il-kontroll meħtieg biex jiġi assigurat li l-imputat jidher għall-proċeduri - peress illi miżura bħal din tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruħha mill-pajjiż jew anke tinħeba – iżda wkoll speċifikatament biex tipprevjeni l-kommissjoni ta' reati oħrajn.

Kif gie ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Italo Grech**[1]:-

[1] Deciza 14 ta' Dicembru 2006.

*"Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-dar minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "portata zghira" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill-"house arrest" billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu."*

Għalhekk, ma jistax jingħad illi l-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkażar fejn l-imputat ikun instab barra wara l-hin stabbilit f'digriet li bih ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest, huwa ksur *de minimis* u fil-każ in diżamina ma jirriżultax illi l-imputat kellu raġuni tajba u valida biex ikun barra mir-residenza tiegħu wara l-ħin stabbilit fid-digrieti msemmija mill-Prosekuzzjoni. M'għandux għalfejn jingħad illi d-digrieti tal-Qorti, fosthom il-kundizzjonijiet li taħthom ġiet akkordata l-ħelsien mill-arrest, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram* sakemm l-imputat ma jkunx talab u ottjena xi varjazzjoni ta' dawk id-digrieti jew il-kundizzjonijiet tagħhom. Madanakollu, il-Qorti ħadet qies tal-fatt li l-imputat instab barra darba waħda biss u dan minħabba l-vizzju tad-droga li l-Qorti sejra tabilħaqq tordna li jiġi indirizzat mill-imputat taħt Ordni ta' Probation u Trattament. Fl-istess ħin, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi m'huwiex każ fejn jirriżulta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti permezz taż-żewġ digrieti mertu ta' dawn l-akkużi, ripetutament, għalkemm għaddew diversi snin minn meta ġiet imposta fuqu l-kundizzjoni tar-rinkażar. Filwaqt li dan ma jnaqqas xejn mis-serjeta' tar-reat, il-Qorti ma tqisx illi hemm lok għall-konfiska tal-ammont stabbilit, fl-intier tiegħu.

Għalhekk sejra tuża d-diskrezzjoni tagħha biex ma tordnax il-konfiska tal-ammont intier u dan sabiex jinżamm sens ta' proporzjonalita'.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil DOUGLAS BRIFFA ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi**

**lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tordna wkoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' elf Euro (€1,000) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tas-26 ta' Settembru 2018[2] kif ukoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' elf Euro (€1,000) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tad-29 ta' Ottubru 2020[3], b'kollox is-somma ta' elfejn Euro (€2,000).**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni ta' Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Probation.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lil DOUGLAS BRIFFA taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin sabiex jegħleb il-vizzju tad-dipendenza fuq id-droga u dan skont it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati, jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[2] Dok. AS3, fol. 16.
[3] Dok. AS5, fol. 18.